# *Ir-Restawr u x-xogħolijiet li saru fuq il-Bambina*
## *matul dawn il-Mitt Sena 1917 – 2017*

Joseph Cauchi



Mill-1853 sal-1917 kienu għaddew 64 sena minn meta kienet saret l-istatwa tal-Bambina. Għalhekk il-Kappillan l-istudjuż Rev. Dun Karlo Cortis, fl-1916 kien ħaseb sabiex isir xogħol ta' restawr fuq l-istatwa flimkien ma ndurar tal-istatwa b'deheb fin, fejn irranġaw il-pożizzjoni tar-ras u l-idejn, il-bażi ta' taħt l-istatwa u li ssir bradella ġdida, għaliex dik li kellha kienet fqira wisq. Ma rridux ninsew li Mitt Sena ilu l-komunità Melleħija kienet komposta minn bdiewa, sajjieda, benneja u mpjegati mal-Gvern u li kien għadhom taħt l-effetti kollha li ġabet magħha l-ewwel Gwerra Dinjija, iżda b'determinazzjoni soda ma qatgħux qalbhom għal din il-biċċa u b'sagrifiċċju kbir u bil-kontribuzzjonijiet tagħhom, il-Kappillan Cortis irnexxielu jiġbor is-somma ta' £235. 13s. 4d, li għal dak iż-żmien kienet somma kbira.

Wara l-festa fl-1916 l-Istatwa tal-Bambina ttieħdet il-Belt Valletta ġewwa l-bottega tal-artist u l-Iskultur Antonio Sapiano, fejn sar ir-retawr fuq l-Istatwa l-qadima fejn irranġalha rasha u l-idejn. L-istess Sapiano għamel il-Pedestall ġdid, Raġġiera ġdida, bradella bil-bankun rikk biċ-ċipress, skultura fil-ġewż u erba' simboli skolpiti fil-bankun. Il-pittura tal-wiċċ u l-idejn tal-Bambina saru mill-pittur Ramiri Cali. L-arġentier Pawlu Pace mill-Belt Valletta, naddaf u ndura l-istellarju l-qadim u għamel kuruna mperjali tal-fidda ndurata bid-deheb u sar par sandli tal-fidda ndurat. L-induratura klassika fuq l-Istatwa saret mill-induratur Franġisk Coleiro mill-Belt, indura wkoll il-pedestal u r-raġġiera. Is-Sorijiet Ursolini tal-Belt ħadmu l-girlanda flimkien ma erba' fjuretti tal-Ganutel.

Meta dan ix-xogħol kollu kien lest matul is-sajf tal-1917, nhar is-Sibt 2 ta' Settembru 1917, wara nofsinhar 17-il karettun misjuqa bil-bhejjem telqu mill-Mellieħa fi triqithom lejn il-Belt, sabiex wara li tħejja dak kollu meħtieġ għall-ġarr tal-Istatwa tal-Bambina fuq il-bradella, fi nżul ix-xemx il-miġema li kienet immexxija minn Rev. Dun Anton Debono stedinhom sabiex flimkien miegħu joqgħodu għarkubbtejhom fejn talbu lill-Bambina biex twassalhom lura bis-sliem fil-Parroċċa tal-Mellieħa. Mill-Belt sal-Mellieħa, l-Istatwa twasslet fuq l-ispallejn minn gruppi ta' tmienja, li serrħu lil xulxin, filwaqt li dawk li ma kienux jerfgħu, kienu jistrieħu fuq il-karettuni. Iktar ma beda joqrob sbieħ il-jum, iktar Melleħin bdew joħorġu l-barra mill-Mellieħa biex jiltaqgħu magħhom, mil-Mosta sal-Mellieħa. Il-Ħadd filgħodu, għall-ħabta tat-8 ta' filgħodu, dawk li kienu ġejjin bl-Istatwa sabu l-komunità Melleħija tistennihom qrib il-mitħna. Hawn l-Istatwa tal-Bambina ġiet milqugħa mill-Kappillan Dun Karlu Cortis, il-Kleru, l-Fratelli bil-konfratiji tagħhom, l-abbatini u l-Banda La Vittoria li sa dak iż-żmien kienet għadha l-unika Banda Melleħija, akkumpanjat l-Istatwa mill-Mitħna sal-Knisja Parrokkjali. Wara l-Festa dan ix-xogħol ferm sabiħ tpoġġa ġo niċċa tal-ħġieġ li kienet quddiem il-bieb tas-Sagristija u li kienet inħadmet mill-mastrudaxxa J. Agius.

Wara 60 Sena oħra fi żmien il-Kappillan Rev. Dun Ġużepp Schembri, grupp ta' Melleħin li kienu s-Sinjuri Joe Catania, Joseph Cauchi, Charles Attard, Emmanuel Muscat, Carmel Aquilina, Angela Fenech u Victoria Cutajar irsistew sabiex saru diversi xogħolijiet. Insibu li dan il-ħsieb kien ilu jberren bejn Catania u Cauchi u wara laqgħa li kellhom mal-Kappillan Schembri ġie miftiehem li minħabba l-ispejjes li kellha l-Parroċċa bix-xogħolijiet tal-iskultura li kienu għaddejjin fil-Knisja ma setgħax jidħol għal dawn l-ispejjes ukoll, u għalhekk bħala grupp tajna l-kelma li nidħlu għal diversi xogħolijiet billi nieħdu ħsieb li niġbru l-fondi aħna, u li bħala Kappillan inżommuh infurmat bil-ħidma tagħna.

Dan ix-xogħol inbeda fl-1975 billi bdew jiġu organizzati lotterji u ikliet sabiex jinġabru fondi biex isiru sett forċini għal mal-vara tal-Bambina. L-Artist is-Sur Anthony Fenech ġie mitlub jagħmel disinn ta' forċina, filwaqt li s-Sur Vince Parnis ħadem il-forma fl-injam sabiex il-fonderija Cutajar

tal-Ħamrun setgħet taħdem il-forom tal-bronż li ġew maħsula bil-fidda. Meta dan ix-xogħol kien lest id-ditta tal-mastrudaxxa Charles Debono ħadmu il-bankun għal dawn il-forċini flimkien mal-bsaten li għoġbu jirregala. Dan ix-xogħol kollu ġie jiswa Lm186.

Is-sena ta' wara fl-1977 inxtraw sett linef tal-kristall Awstrijak indurati bid-deheb mingħand id-ditta Farrugia ta' B'Kara u ġew ordnati zewġ pari anġli puttini għand l-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Il-flus għal din l-ispiża nġabru minn diversi attivitajiet u bil-għajnuna tas-Sinjura Victoria Cutajar. L-ispiża għall-linef kienet ta' Lm340, filwaqt li l-anġli puttini kienu ta' Lm160.

Fil-bidu tas-sena 1978, ittieħdet l-inizjattiva sabiex ġiet mibdula in-niċċa tal-Bambina, fejn minn wara l-bieb ewlieni tal-Knisja faċċata tal-fonti tal-Magħmudija, il-vara ġiet poġġuta flok l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li kienet fil-kappellun tar-Rużarju sabiex ir-raġġiera tibqa' armata mal-Istatwa tal-Bambina, filwaqt li l-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tpoġġiet fin-niċċa li kienet vakanti fil-kappellun ta'San Pawl. Meta sar dan iċ-ċaqliq l-Istatwa tal-Bambina kienet inqalgħet minn mal-pedestall sabiex ittieħed għand il-mastrudaxxa s-Sur Charles Debono, fejn ħadem żieda tal-kewba taħt il-pedestall b'erba' toqob sabiex fihom jidħlu l-kanen u l-Istatwa tkun tista tiġi trasportata għal fuq il-bradella mingħajr ma tiġi mimsusa l-induratura.

Bi tħejjija għall-festi tal-125 sena minn meta kienet inħadmet l-Istatwa tal-Bambina fl-1853, wara l-festa tal-1977 qabel mall-vara reġgħet daħlet ġewwa n-niċċa kienu inqalgħu l-istellarju u l-kuruna minn fuq ras il-Bambina sabiex ittieħdu għand l-Arġentier Ġużeppi Gauci mir-Rabat Malta, biex saru xi tiswijiet u reġgħu ġew maħsula bid-deheb u l-fidda u mżejna bid-djamanti u ħaġar prezzjuż, u fuq il-kuruna minflokis-salib li kien hemm saret ħamiema tal-fidda maħsula bid-deheb. F'Ġunju l-artist is-Sur Samuel Bugeja irtokkja l-wiċċ u poġġa l-kuruna fil-pożizzjoni aħjar fuq ras il-Bambina. Sabiex saru dawn ix-xogħolijiet ġew organizzati diversi attivitajiet biex inġabru fondi bil-għajnuna tas-Sinjuri Angela Fenech u Victoria Cutajar, fejn l-ispejjeż fuq l-istellarju u l-kuruna laħqu s-somma ta' Lm240 u biex ġew imżejna b'ħaġar prezzjuż intefqu Lm260. Xogħol ieħor ta' restawr u ħasil bil-fidda inżejjen bid-djamanti huwa s-sandli li ġie mħallas mill-familja Cauchi mill-Mellieħa, filwaqt li Benefattur ieħor għoġbu jirregala girlanda tal-ganutel għal ma bejn l-Istatwa u l-pedestal.

Fl-1980 inxtraw erba' gastri mingħand id-ditta Cutajar tal-Ħamrun u ġew maħsula bil-fidda u li s-Sur Lino Fenech kien ħadem il-bażi għalihom gratis, sabiex jintramaw fuq il-bradella tal-Bambina, filwaqt li għand is-Sinjura Maria Bonello mill-Qrendi kienu ġew ordnati erba' bukketti tal-ganutel. Ta' min jirreġistra li din l-ispiża kienet telgħet għall-Lm315.

Meta għaddiet il-festa tal-Vitorja tal-1981, l-Istatwa tal-Bambina reġgħet inqagħlat minn mal-pedestal sabiex ittieħed flimkien mar-raġġiera għand l-induratur is-Sur Horace Farrugia tal-Imdina, fejn sar restawr fuq il-pedestal u ir-raġġiera inħadmet b'format ġdid fejn xi raġġi inbidlu għall-mod aktar movimentat b'forma imserrpa. Dan ix-xogħol kien ġie jiswa mas-Lm700 li nġabru mingħand il-Melleħin bil-għajnuna tas-Sinjuri Angela Fenech u Victoria Cutajar u bosta ndividwi oħra.



Is-sena l-oħra wara tlett snin ta' restawr li sar fuq ix-Xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa mill-Artelieri del Restauro b'konsultazzjoni mal-Istituto per la Conservazione e la Valarizzazione dei Beni Culturali ta' Firenze, ġiet irregalata lill-Poplu Mellieħi u Malti l-Ikona tax-Xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa bil-Bambin, ġojjell għażiż u uniku. Għalhekk wara din il-biċċa xogħol kbira u mprezzabbli għall-Knisja f' Malta f'dan is-Santwarju Nazzjonali. L-Arċipriet Rev. Dun Joe Caruana ħaseb sabiex għal din is-sena jagħti rigal ieħor lill-Parroċċa billi jirrestawra l-Istatwa Artistika ta' Maria Bambina, billi għall-festa tas-sena l-oħra nieda arbular, fejn fil-jiem tal-festa inġabret is-somma ta' €32,000, u aktar kmieni din is-sena l-Istatwa ġiet meħuda fil-Casa del Bottega tar-restawraturi Artelieri del Restauro, fejn sar xogħol ta' nduratura u restawr fl-injam, fuq l-Istatwa u l-pedestall. L-Istatwa tal-Bambina ġiet imżejna b'ġojelli u djamanti ġodda fissi sabiex l-Istatwa ma tergax iġġarrab ħsarat fl-induratura.